Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 237 :: FRAR, 2016

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **26 ta' Frar, 2016,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## FL-GĦABEX — *Ġabra ta' Poeżiji (1906-2006) ta' Alfred Massa*



Il-ħabib tagħna, Alfred Massa, kiteb u qalli li għadu kemm ippubblika ġabra ta' poeżiji bl-isem FL-GĦABEX. Din l-aħħar waħda minn triloġija li tinkludi FJUR TAL-ĠEBEL (1994) u DIWI FIL-MAQDES (2000). Il-pubblikaturi huma Dom Communications Ltd. Ftit xhur oħra ser jippubblika wkoll ġabra ta' novelli bl-isem NISĠET IL-ĦAJJA. Pubblikazzjoni Horizons.

## JIKTEB C. R. SANT MINN MALTA

Għażiż Paul, Grazzi tal-folju li dejjem tibgħat. Imma llum nixtieq ngħaddilek xi ħaġa jien; nispera li tkun ta' interess.
Dan ktieb ġdid, mhux letteratura bħal li soltu jkollok, imma storja ta' Malta fil qedem.
Forsi mhux daqs tant ta' interess bħas-soltu imma naf (għax ħafna minn sħabi ta' tfuliti, sittin sena ilu, qegħdin hemm) li l-ġenerazjoni ta' warajna li illum matura tixtieq tkun taf aktar x'kien pajjiż
l-antenati tagħha.
Il-ktieb, riċerka dwar it-tempji megalitiċi li fil-fatt huma kalendarji antiki, issibu hawn:
http://www.amazon.com/Calendars-Megalithic-Malta-Resolving-Functions/dp/1502726572/ref=sr_1_1?s=books&ie=UTF8&qid=1453039866&sr=1-1
Hemm ħaġa ta' interess jew kurzità li torbot lil Malta ma' l-Awstralja f'dan ir-rigward. Astronomu tal-gvern Awstraljan, George Dodwell, fl-1936 skopra xi ħaġa fuq id-dinja li ġrat fuq l-erbat elef sena ilu. Ma tantx hemmnuh fuq il-provi li kellu. Imma fl-inġinerija fil-ħadma ta' l-Imnajdra din qiegħda hemm ċar, bla ebda dubju. Il-waħda tispjega 'l-oħra.
Iktar informazzjoni issibha hawn:
https://www.facebook.com/pages/Two-Queens-and-the-Megalithic-Temples/430211163820361?ref=hl
Kumment ta' l-aħħar. L-antiki ta' qabilna ma kenux nies injoranti jaduraw il-ħxuna fil-mara, imma nies ta' intellett avvanzat ħafna. Nieqaf hawn. Grazzi u nselli għalikom ħafna.

## SEJĦA — *Leħen il-Malti*




Il-Bord Editorjali ta' Leħen il-Malti qed jaċċetta kitbiet bil-Malti għall-ħarġa li jmiss (għadd 35). Il-pubbliku huwa mħeġġeġ jikkontribwixxi, speċjalment l-istudenti. Għal din il-ħarġa, il-Bord qed jaċċetta:

1. Poeżiji (massimu ta' 30 linja)
2. Novelli (2,500 kelma jew inqas)
3. Kitbiet akkademiċi ta' natura lingwistika, kritika jew kulturali, b'referenzi u biblijografija xierqa skont l-MLA (2,500 kelma jew inqas Ḣ biblijografija u kwotazzjonijiet esklużi)

Il-kontributuri jistgħu jibagħtu massimu ta' 3 kitbiet oriġinali, li jridu jaslu lil ghaqdatal-malti@gmail.com sad-29.01.16. Il-fajls sottomessi għandhom ikunu fil-format *.doc, filwaqt li sottomissjonijiet bil-posta jintbagħtu lil:
**Bord Editorjali — Leħen il-Malti**
**Ave Maria, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ, ŻBĠ1300**
Il-kontributuri mitluba jinkludu d-dettalji u l-kuntatti tagħhom, u dikjarazzjoni li l-kitbiet mibgħuta qatt ma dehru qabel, lanqas fuq siti soċjali. Kitbiet bi psewdonimu mhux se jkunu aċċettati, imma kitbiet b'koawturi huma aċċettati.
Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Bord ikunu finali, u l-Bord jirriserva d-dritt li jissuġġerixxi xi bidliet. Il-Bord jgħarraf lill-awturi bid-deċiżjoni tiegħu qabel il-pubblikazzjoni tar-rivista, imma mhux obbligat jibgħat kummenti lill-awturi dwar kitbiethom. Filwaqt li d-drittijiet tal-kitbiet magħżula jibqgħu tal-awturi, l-Għaqda żżomm id-dritt li terġa' tippubblika l-materjal mibgħut lilha. Sottomissjonijiet li ma jimxux ma' dawn il-kriterji jistgħu jiġu skwalifikati.
Il-membri tal-Bord Editorjali ma jistgħux jissottomettu. L-Editur Ġenerali ta' din il-ħarġa hija Dorianne Bonello, il-President tal-Għaqda. Il-membri tal-Bord Editorjali huma Dorianne Bartolo, Antoine Cassar, Maria Debono, Leanne Ellul, Claudia Gauci, Neal Sammut, Alvin Vassallo, u Olvin Vella. Il-Bord, f'isem l-Għaqda, jixtieq jirringrazzja lill-Bord preċedenti u lil dawk kollha li se jikkontribwixxu. Kull min jixtieq aktar dettalji jista' jikteb lill-Bord fuq l-istess indirizz elettroniku.

*Il-Bord Editorjali ta' Leħen il-Malti — Għaqda tal-Malti - Università*

# CHARLES COLEIRO JIRĊIEVI L-MIDALJA GĦALL-QADI TAR-REPUBBLIKA



**Fl-aħħar Folju ġibna ritratt tas-Sur Charles Coleiro flimkien mall-President ta' Malta, l-Eċċellenza tagħha Marie Louise Coleiro Preca, waqt iċ-ċeremonja meta rċieva l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika fit-13 ta' Diċembru tas-sena li għaddiet. Kif għidtilkom, minħabba li kont qed nistenna aktar dettalji dwar Charles Coleiro li wasluli ftit tard, isse se ngħaddihom f'din il-ħarġa.**

Charles Coleiro twieled l-Isla u wara s-Seminarju t'Għawdex attenda kors ta' studju dwar il-kultura sponsorjat mill-UNESCO fl-Universita' Jagiellonia ta' Krakovja, il-Polonja.

Wara xi żmien jgħallem fl-iskejjel tal-Istat, ingħata kariga ta' Uffiċjal tal-Informazzjoni mal-Ministeru tat-Turiżmu fejn għen fil-promozzjoni tat-turiżmu kulturali u kellu f'idejh il-produzzjoni ta' serati ta' folklor f'diversi bliet tal-Ewropa għall-organizzaturi tal-vjaġġi. Bejn l-1981 u l-1983 ġie fi NSW jgħin lil Lino Vella bħala kontributur regulari tal-gazzetta The Maltese Herald u bħala Assistent Editur beda l-paġna kulturali. Kellu wkoll impjieg ta' darba fil-ġimgħa mar-Radju Etniku SBS bi programmi dwar l-identità Maltija u kien jieħu sehem ukoll fis-serata tal-Għana bħala preżentatur.

Coleiro hu l-fundatur u l-ewwel president tal-Moviment Qawmien Letterarju u organizza stħarriġ u kampanja nazzjonali biex l-Ilsien Malti jiġi mgħallem fl-iskejjel tal-Knisja. Fost ix-xogħlijiet letterarji ippubblika żewġ kotba ta' poeżija u ieħor dwar il-Festa Maltija. Kitba oħra ta' riċerka dwar il-folklor u poeżiji oħra dehru f'diversi antoloġiji f'Malta u barra, fosthom The Poet u Orizzonte Senza Fine. Jissemma wkoll għall-kitba u produzzjoni ta' programmi għat-televiżjoni u r-radju b'rabta mal-kultura u l-wirt tradizzjonali ta' pajjiżna - fuq quddiem għat-televiżjoni Wirt Artna li rebaħ il-premju prestiġjuż Europa Nostra u Bejn Għanja u Oħra fejn introduċa l-Għana fuq it-televiżjoni, u Kellimni bil-Malti għar-radju. Bħalissa qed jippreżenta s-sensiela Imrieżaq fuq Radju Malta Nazzjonali dwar idjomi, qwiel u siltiet mill-Istorja ta' Malta, programm li jinstema' kull nhar ta' Ħadd wara l-Aħbarijiet tal-10 a.m (ħin ta' Malta)

Charles Coleiro hu membru tal-Kumitat Festi Nazzjonali u dan l-aħħar kien il-mistieden biex jitkellem f'seminar mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, għall-għarfien mill-UNESCO bħala wirt dinji nazzjonali.

Dwar il-ħidma tiegħu fl-Awstralja huwa kien ta sehem ukoll fil-produzzjoni taċ-Ċentinarju mill-Emigrazzjoni tal-Maltin fl-Awstralja fl-1983. Is-serata saret fis-Sydney Opera House u kien tħabat biex ġab lil Johnny Catania mill-Kanada u Charles Clews minn Malta. Ħadu sehem ukoll il-Banda Our Lady Queen of Peace u ppreżenta Rolf Harris.

*Messaġġ mill-ħabib tagħna, Enzo Gusman minn Malta...*





Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# L-GĦAQDA POETI MALTIN — ERBGĦIN SENA (1975 - 2015)



**Fl-10 ta' Diċembru 2015 l-Għaqda Poeti Maltin għalqet 40 sena mit-twaqqif tagħha. Dan l-Anniversarju l-Għaqda ċċelebratu b'antoloġija ta' poeżiji tal-membri: "Irdieden ta' Lwien", b'bolla ppersonalizzata u ttimbrata 10-12-2015, u b'ċelebrazzjoni u riċeviment li saru fis-sala tas-Soċjetà tal-Arti, il-Belt, fis-16 ta' Diċembru 2015.**

Fetaħ is-Serata taċ-ċelebrazzjoni l-President tal-Għ.P.M., is-Sur Charles Magro, li qal li dawn kienu erbgħin sena ta' ħidma kontra l-kurrent. Kumitat wara ieħor ħadmu biex il-poeżija f'Malta tingħata l-istess pożizzjoni għolja li kellhom u għad għandhom il-proża u ġeneri letterarji oħrajn. Dan għamluh b'ħafna sagrifiċċji, anki finanzjarji. Ebda bieb li ħabbtet l-Għaqda għall-għajnuna ma nfetħilha. Iżda minkejja kollox, l-Għ.P.M. kisbet suċċessi kbar, kemm fix-xenarju letterarju Malti, kif ukoll barra.

Is-suċċessi tal-Għ.P.M. ġew elenkati mill-ewwel kelliem, li kellu jkun is-Sur Alfred Massa, President Onorarju tal-Għaqda. Iżda s-Sur Massa kien indispost, u t-taħdita tiegħu, li kienet bil-miktub, inqrat mis-Sur Omar Seguna, Viċi President tal-Għ.P.M. F'din it-taħdita ssemmew il-kuntatti li l-Għaqda kellha ma' assoċjazzjonijiet letterarji barranin. Issemmew l-10 edizzjonijiet tal-Premju Città di Valletta, li kien isir taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta, u f'wieħed mill-palazzi presidenzjali. Issemmew ukoll il-Membri Onorarji tal-imgħoddi u attwali, li kollha kienu kburin bir-rabta tagħhom mal-Għ.P.M.

It-tieni taħdita saret mis-Sur Peter Paul Chetcuti, li hu n-neputi tal-Fundatur u l-ewwel President tal-Għ.P.M. Is-Sur Chetcuti hu ammiratur u benefattur tal-Għ.P.M. Naturalment dan tkellem fuq zijuh, Mons. Dr Amante Buontempo, JUD., li kien jaf mill-qrib ħafna. Is-Sur Chetcuti semma l-imħabbiet ta' Mons Buontempo, fosthom u fuq nett il-Knisja (kien Saċerdot), il-familja u l-poeżija, li tatu ħafna sodisfazzjon. Kien ikiddu ftit il-fatt li kien iktar irrikonoxxut barra minn Malta milli f'Pajjiżna.

Waqt is-Serata saret ukoll it-tnedija tal-antoloġija kommemorattiva "Raddiena Ta' Lwien". Fuq din l-antoloġija tkellem il-Poeta, Kritiku letterarju u Għalliem, is-Sur Patrick Sammut. Hu faħħar il-livell għoli tal-poeżija tad-39 kontributur, membri tal-Għ.P.M., li ħadu sehem f'din l-antoloġija. Fl-analiżi tiegħu daħal ftit fil-fond, u semma d-diversi forom tal-poeżija, il-lessiku użat, il-metafora u d-diversi forom tat-taħdit użati fil-poeżiji ppreżentati. L-antoloġija għandha daħla mill-Prof. Oliver Friggieri, li għen ukoll fil-qari tal-provi. Fl-aħħar tas-serata kopji ta' din l-antoloġija tqassmu lil dawk li huma intitolati għalihom. Bejn l-interventi tal-kelliema kien hemm ukoll interventi mużikali mill-kantawtur u ħabib tal-Għ.P.M. Walter Micallef.

Is-serata ġiet fi tmiemha b'riċeviment fil-bitħa tas-Soċjetà tal-Arti.



**RITRATT: (mix-xellug għal-lemin) Patrick Sammut, B.A., M.A. - Poeta, Kritiku Letterarju, Kittieb, Membru tal-Għ.P.M.; Omar Seguna, B.A. - Poeta, Editur Letterarju ta' "It-Torċa", Viċi President tal-Għ.P.M.; Charles Magro B.A., M.O.M. - Kittieb, Kritiku Letterarju, President tal-Għ.P.M.; Peter P. Chetcuti - neputi ta' Mons. Dr Amante Buontempo, JUD, Fundatur u l-Ewwel President tal-Għ.P.M.**

*Irċevejt email mingħand Charmaine Tanti, minn Malta, flimkien ma' xi poeżiji minn tagħha. Hawn waħda minnhom:*



## Lill-Kelb Tiegħi

Il-kelb tiegħi ħelu u smin,
Iferfer denbu kull ħin.
Jitla' miegħi, jitbissem,
Kelb fuq tiegħu u mġissem.

Prince, jiena l-kelb semmejtu
U min jaf kemm jien sqejtu
Ħalib frisk jew ilma ċar!
Nagħtih ikel mill-aħjar.

Fix-xitwa b'kutra ngħattih
Biex nilqagħlu sew mill-ksieħ.
Nittrattah bħal tarbija
U nħobbu mija mija.

X'gost hux trabbi annimal
Għax hu ferħ iġib fid-dar!
Bil-preżenza tiegħu biss
Taf li għandek ħabib fiss.

*Charmaine Tanti, Malta*